



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5426/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0005(NLE)**

LIMITE

**ESPACE 2
TRANS 27
EU-GNSS 2
MAR 12
AVIATION 9
RELEX 49
CSC 20**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Jannar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 9 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-estensjoni tal-Ftehim dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu ta' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita ta' Galileo u tal-GPS u applikazzjonijiet relatati bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Istati Uniti tal-Amerka

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 9 final.

Mehmuż: COM(2022) 9 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.1.2022
COM(2022) 9 final

2022/0005 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-estensjoni tal-Ftehim dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu ta' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita ta' Galileo u tal-GPS u applikazzjonijiet relatati bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Istati Uniti tal-Amerka

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-“Ftehim dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu ta’ sistemi ta’ navigazzjoni bis-satellita ta’ Galileo u tal-GPS (Sistema ta’ Pożizzjonament Globali) u applikazzjonijiet relatati bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerika, min-naħa l-oħra”¹ (minn hawn ’il quddiem, il-“Ftehim”) ġie ffirmat fl-2004. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-2011, wara r-ratifika mill-Istati Uniti, l-UE u l-Istati Membri kollha.

L-objettiv tal-Ftehim huwa li jipprovdi qafas għall-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fil-promozzjoni, il-provvista u l-użu ta’ sinjali u servizzi ċivili ta’ navigazzjoni u ta’ determinazzjoni tal-ħin tal-GPS u ta’ Galileo, servizzi b’valur miżjud, awmenti, u prodotti għan-navigazzjoni globali u d-determinazzjoni tal-ħin.

L-Artikolu 20(5) tal-Ftehim jipprevedi li “Dan il-Ftehim għandu jibqa’ fis-seħħ għal għaxar snin. Tal-inqas tliet xhur qabel l-għeluq tal-perjodu inizjali ta’ 10 snin il-Partijiet għandhom jinformat lil xulxin dwar l-intenzjoni tagħhom jew le li jestendu l-Ftehim għall-perjodu ta’ ħames snin.” Il-Ftehim se jiskadi fit-12 ta’ Diċembru 2021.

F’Ġunju 2021, l-Istati Uniti wrew l-interess tagħhom li jiksbu l-awtorità biex isegwu estensjoni tal-Ftehim. Il-Kummissjoni wiegħbet f’Settembru li kienet se titlob awtorizzazzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea biex testendi l-Ftehim

L-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea turi biċ-ċar li l-Ftehim jipprovdi qafas importanti għat-tweqqif u l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni dwar in-navigazzjoni bis-satellita bejn l-UE u l-Istati Uniti li jwassal għal benefiċċji reċiproċi.

Il-Ftehim huwa essenzjali biex il-partijiet jifhmu x-xenarju ta’ navigazzjoni bis-satellita ta’ xulxin u flimkien jistabbilixxu l-oqsma ta’ prijorità ta’ interess reċiproku dwar il-kooperazzjoni internazzjonali. Dan joffri wkoll forum utli biex tiġi vvalutata l-kooperazzjoni tal-imgħoddi u jiġu ddeterminati l-azzjonijiet futuri.

Huwa fl-interess tal-UE li ġġedded dan il-Ftehim sabiex tkompli timpenja ruħha aktar fil-kooperazzjoni dwar in-navigazzjoni bis-satellita mal-Istati Uniti.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika

Din l-inizjattiva hija konformi bis-sħiħ mar-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE.

Ir-Regolament (UE) 2021/696 jistipula:

- Fil-permessa (67), li sabiex jiġi ottimizzat l-użu tas-servizzi pprovduti, jenħtieġ li Galileo jkun kompatibbli u interoperabbli kemm jista’ jkun ma’ sistemi oħra tan-navigazzjoni bis-satellita, mingħajr preġudizzju għall-objettiv tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni.

¹ ĠU L 348, 31.12.2011, p.3.

- Fl-Artikolu 48(2), li Galileo u EGNOS (Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'kopertura Ġeostazzjonarja), u s-servizzi li jipprovdu, għandhom ikunu kompatibbli u interoperabbli mas-sistemi l-oħra tan-navigazzjoni bis-satellita u mal-mezzi konvenzjonali ta' radjunavigazzjoni, fejn ir-rekwiżiti meħtieġa ta' kompatibbiltà u ta' interoperabbiltà u l-kondizzjonijiet tagħhom ikunu stabbiliti fi ftehimiet internazzjonali.

Il-kompatibbiltà u l-interoperabbiltà tal-frekwenzi tar-radju bejn Galileo u l-GPS huma fost l-oġettivi ewlenin tal-Ftehim.

Il-kooperazzjoni internazzjonali wkoll hija wkoll element ewlieni tal-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa, kif stabbilit mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tas-26 ta' Ottubru 2016², li tistipula li l-Kummissjoni se tqis ir-rekwiżiti speċifiċi tas-sistemi spazjali meta tikkoordina l-allokkazzjoni tal-frekwenza fil-livell Ewropew u dak internazzjonali.

Il-GNSS Ewropej (Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita) huma elementi importanti tal-politika tal-UE biex tiġi żgurata l-integrazzjoni sħiħa tal-infrastruttura tat-trasport bl-art, bil-baħar u bl-ajru għal navigazzjoni sikura, bla interruzzjonijiet, ekonomika u ekoloġika. Il-konklużjoni tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni dwar in-navigazzjoni bis-satellita ma' pajjiżi li wkoll jiżviluppaw il-GNSS tagħhom stess, inkluż l-Istati Uniti, hija parti mill-istrateġija internazzjonali tal-GNSS tal-Unjoni.

L-Istati Uniti huma sieħeb ewlieni u l-eqreb sieħeb fornitur tal-GNSS għal Galileo.

Din il-proposta ma tippredix l-għoti tad-drittijiet ta' sjieda jew ta' teħid ta' deċiżjonijiet lill-Istati Uniti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta tqis ukoll l-aġenda trans-Atlantika ġdida bejn l-UE u l-Istati Uniti għall-bidla globali, li hija rilevanti f'dan il-kuntest peress li tħeġġeġ lill-Unjoni u lill-Istati Uniti jaħdmu flimkien fuq it-teknoloġija, il-kummerċ u l-istandards.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 189 u l-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

F'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita tad-dritt tal-Qorti tal-Ġustizzja, "l-għażla tal-bażi legali ta' att tal-Unjoni ... għandha tkun ibbażata fuq fatturi oġġettivi li jistgħu jkunu suġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju, fosthom l-iskop u l-kontenut ta' dan l-att."³

Skont l-Artikolu 189(1) tat-TFUE, "sabiex jiġu promossi l-progress xjentifiku u teknoloġiku, il-kompetittività industrijali u l-implimentazzjoni tal-politika tagħha, l-Unjoni għandha tfassal politika Ewropea dwar l-ispazju. Għal dan il-għan, tista' tippromwovi inizjattivi konġunti, tagħti appoġġ lir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u tikkoordina l-isforzi meħtieġa għall-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-ispazju."

² Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija Spazjali għall-Ewropa COM(2016) 705, 26.10.2016.

³ Pereżempju l-Kawża C-263/14 Il-Parlament Ewropew vs Il-Kunsill (Ftehim mat-Tanzania dwar il-Pirati) ECLI EU C 2016 435, il-paragrafi 43-44.

Dan il-Ftehim jikkontribwixxi għal dan kif jixhed l-Artikolu 1 tiegħu li skontu l-“objettiv [tiegħu] ... huwa li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni bejn il-Partijiet fil-promozzjoni, il-provvista u l-użu ta' sinjali u servizzi ċivili ta' navigazzjoni u ta' determinazzjoni tal-ħin tal-GPS u ta' Galileo, servizzi b'valur miżjud, awmenti, u prodotti globali għan-navigazzjoni u d-determinazzjoni tal-ħin.” Barra minn hekk, il-“Partijiet għandhom l-intenzjoni li jaħdmu flimkien, kemm b'mod bilaterali kif ukoll f'fora multilaterali, kif pprovdut hawnhekk, biex imexxu 'l quddiem u jiffaċilitaw l-użu ta' dawn is-sinjali, is-servizzi, u t-tagħmir għal użu paċifiku ċivili, kummerċjali, u xjentifiku, konsistenti ma' u bi tkompliġa tal-interessi komuni tagħhom ta' sigurtà.” F'konformità mal-Artikolu 216(1) tat-TFUE, sabiex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 189 tat-TFUE, l-UE għalhekk għandha l-kompetenza li tiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-ftehim f'isimha.

Il-bażi ġuridika proċedurali għat-teħid ta' deċiżjoni dwar l-estensjoni tal-Ftehim f'isem l-UE hija l-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-TFUE. Mhuwix meħtieġ li l-Kummissjoni tfittex awtorizzazzjoni biex tinnegozja l-estensjoni mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 218(2) tat-TFUE. L-Artikolu 20(5) tal-Ftehim ma jipprevedi l-ebda negozjati, iżda informazzjoni sempliċi.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-Istati Membri individwali ma jistgħux jiksibu l-objettivi tal-proposta għar-raġunijiet li ġejjin:

- Galileo huwa proprjetà tal-Unjoni, u b'kostijiet stmati għal ħafna għexieren ta' biljuni ta' Euro ffinanzjati bħala inizzjattiva Ewropea ġestita mill-Kummissjoni fil-qafas tal-politika dwar l-Ispazju;

- Is-sistema ta' Galileo u s-servizzi tagħha mhumiex ipprovduti minn Stat Membru wieħed. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim li għandu jiġi estiż ma jistax ikun limitat għal kwalunkwe Stat Membru wieħed waħdu jew għal grupp ta' Stati Membri iżda jaffettwa lill-Unjoni kollha kemm hi u f'xi aspetti jista' saħansitra jkollu impatt dinji;

- L-għarfien industrijali u tekniku fis-settur spazjali huwa mifruq fuq diversi Stati Membri u l-ebda stat ma għandu l-kapaċità li jkollu ħakma fuq l-għarfien kollu. Mingħajr sforz ikkoordinat u kondiviżjoni tal-informazzjoni, jiżdienu r-riskji tal-qbil dwar soluzzjonijiet subottimali mal-Istati Uniti.

L-objettivi tal-proposta se jinkisbu aħjar permezz tal-azzjoni tal-Unjoni għar-raġunijiet li ġejjin:

- L-infrastruttura tas-sistema Galileo hija varata madwar id-dinja kollha u s-sigurtà u l-protezzjoni ta' Galileo se jiddependu fil-biċċa l-kbira fuq l-infurzar tal-miżuri ta' protezzjoni koerenti mill-Unjoni u l-Istati Membri kollha tagħha, b'appoġġ mill-Istati Uniti fejn rilevanti;

- Il-Kummissjoni, bħala l-manixer tal-programm li taġixxi f'isem l-Unjoni u s-sid tas-sistema qiegħda f'pożizzjoni aħjar biex tiegħu l-miżuri raġonevoli kollha biex iddaħħal din il-koerenza. Jekk tonqos milli tagħmel dan jiżdienu r-riskji għas-sigurtà u l-esponiment tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għall-pretensjonijiet ta' responsabbiltà fil-każ ta' inċidenti serji.

Il-pożizzjonijiet li l-Kummissjoni tiegħu f'isem l-Unjoni fil-Gruppi ta' Ħidma differenti stabbiliti skont l-Artikolu 13 tal-Ftehim iwasslu għall-koerenza tal-Unjoni.

- **Proporzjonalità**

Mhux applikabbli

- **Għażla tal-istrument**

L-estensjoni tal-Ftehim hija l-uniku strument li jiżgura l-koerenza madwar l-Unjoni kollha fir-relazzjonijiet mal-Istati Uniti fil-qasam tan-navigazzjoni bis-satellita għal użu ċivili. Il-maġġoranza tal-aspetti ta' navigazzjoni u ta' determinazzjoni tal-ħin bis-satellita għal użu militari huma eżentati.

Il-koerenza fl-applikazzjoni hija partikolarment importanti fir-rigward tal-miżuri stabbiliti mill-Partijiet dwar is-sinjali ta' navigazzjoni u ta' determinazzjoni tal-ħin bis-satellita għal użu ċivili u l-fornituri tagħhom, is-servizzi ta' navigazzjoni u ta' determinazzjoni tal-ħin bis-satellita għal użu ċivili u l-fornituri tagħhom, l-awmenti, is-servizzi b'valur miżjud u l-fornituri tagħhom, kif ukoll il-prodotti ta' navigazzjoni u ta' determinazzjoni tal-ħin fuq il-livell globali.

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE ma jipprovdi alternattivi vijabbli oħra li jirregolaw ir-relazzjonijiet ma' pajjiż terz.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Din l-inizjattiva ma tiffurmax parti mill-aġenda REFIT.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni indirizzat l-estensjoni tal-Ftehim fil-Kumitat tal-Programm tal-GNSS.

Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar it-Trasport Intermodali u l-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Ispazju.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Sommarju tal-pariri li waslu u li ntużaw.

Huwa xieraq u mixtieq li l-Unjoni testendi l-Ftehim. Il-Ftehim ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni obsoleta, inaċċettabbli jew li tipprevjeni li l-Ftehim jiġi estiż.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-ewwel alternattiva hija li ma tittieħed l-ebda inizjattiva b'rispons għall-interess li jiġi estiż il-Ftehim espress mill-Istati Membri u mill-Istati Uniti. Dan jista' jitqies bħala ġest ta' sfida, li jista' jipperikola l-kompatibbiltà ta' Galileo u tal-GPS; li tiddewwem jew titwaqqaf il-kooperazzjoni dwar l-interoperabbiltà tagħhom, u b'hekk ikun hemm ir-riskju li l-kapaċità operazzjonali ta' Galileo tiddewwem.

It-tieni alternattiva hija li jiġi estiż il-Ftehim attwali. Din l-alternattiva qed tintgħażel minħabba li:

- Is-sistemi ta' Galileo u tal-GPS qegħdin fil-fażi ta' żvilupp u evoluzzjoni ulterjuri. Il-kooperazzjoni kontinwa bejn iż-żewġ sistemi hija meħtieġa għal għadd ta' raġunijiet, inkluż biex jiġu żgurati l-kompatibbiltà u l-interoperabbiltà;

- L-Istati Uniti huma sieħeb privileġġjat tan-navigazzjoni bis-satellita tal-Unjoni;

- L-Istati Uniti u l-Istati Membri tal-Unjoni ma jopponux l-estensjoni tal-Ftehim.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din l-inizjattiva ma tiffurmax parti mill-aġenda REFIT

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Matul l-għaxar snin ta' applikazzjoni tiegħu, l-ebda waħda mill-attivitajiet skont il-Ftehim attwali ma kienet tirrikjedi finanzjament minn xi Parti.

Mill-ġdid, għall-perjodu ta' ħames snin li jmiss ta' estensjoni ta' dan il-Ftehim, mhu se jkun meħtieġ l-ebda finanzjament.

L-implikazzjonijiet baġitarji se jkunu limitati għall-kostijiet amministrattivi li se jinġarru mill-Partijiet meta jwettqu l-kompiti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltajiet tagħhom. Il-kostijiet amministrattivi kollha huma relatati mal-missjonijiet. Il-missjonijiet kollha tal-Kummissjoni skont il-Ftehim jitħallsu mill-Pakkett Globali għall-missjonijiet u mhux mil-linja baġitarja operazzjoni ta' Galileo skont ir-Regolament dwar il-Programm Spazjali tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Din il-proposta għall-estensjoni tal-Ftehim ma tippredix l-għoti tad-drittijiet ta' sjieda ta' Galileo jew ta' teħid ta' deċiżjonijiet lill-Istati Uniti.

Il-proposta ma tagħtix id-dritt lill-Istati Uniti li jipparteċipaw fil-Kumitati tal-Programm jew fil-Gruppi ta' Ħidma relatati mal-GNSS tal-UE.

Din il-proposta ma tippermettix lill-Istati Uniti jipparteċipaw fil-fora rilevanti, fil-gruppi ta' ħidma jew fid-diskussjonijiet tal-PRS (Servizz Pubbliku Regolat) ta' Galileo.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-estensjoni tal-Ftehim dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu ta' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita ta' Galileo u tal-GPS u applikazzjonijiet relatati bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Istati Uniti tal-Amerka

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 189, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/901/UE² approvat il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu ta' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita ta' GALILEO u tal-GPS u applikazzjonijiet relatati bejn l-Istati Uniti tal-Amerka, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra³. Il-Ftehim ġie ffirmat fil-Kastell ta' Dromoland, l-Irlanda, fis-26 ta' Ġunju 2004 u daħal fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2011.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 20(5) tal-Ftehim, il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ għal 10 snin u tal-inqas tliet xhur qabel l-għeluq tal-perjodu inizjali ta' 10 snin, il-Partijiet għandhom jinformat lil xulxin dwar l-intenzjoni tagħhom li jestendu l-Ftehim għal-perjodu ta' ħames snin. Il-Ftehim skada fit-12 ta' Diċembru 2021.
- (3) Iż-żewġ Partijiet ikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jestendu l-Ftehim għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin mingħajr ebda emenda tal-Ftehim. Il-kontenut tal-Ftehim jenħtieġ li jibqa' l-istess wara l-estensjoni. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-Ftehim, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza u jenħtieġ li tapplika mit-12 ta' Diċembru 2021.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-estensjoni tal-Ftehim tiġi approvata f'isem l-Unjoni.

¹ ĠU C , , p .

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/901/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu ta' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita ta' Galileo u tal-GPS u applikazzjonijiet relatati bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerika, min-naħa l-oħra (ĠU L 348, 31.12.2011, p. 1).

³ Il-Ftehim dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu ta' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita ta' Galileo u tal-GPS u applikazzjonijiet relatati bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Amerika, min-naħa l-oħra (ĠU L 348, 31.12.2011, p.3).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-estensjoni tal-Ftehim dwar il-promozzjoni, il-provvista u l-użu ta' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita ta' Galileo u tal-GPS u applikazzjonijiet relatati bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin huwa hawnhekk approvat f'isem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha, f'isem l-Unjoni twassal lill-Istati Uniti tal-Amerka n-nota diplomatika prevista fl-Artikolu 20(1) tal-Ftehim u tagħmel in-notifika li ġejja: “Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea ssostitwiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea u minn dik id-data qed teżerċita d-drittijiet kollha u tassumi l-obbligi kollha tal-Komunità Ewropea. Għalhekk, ir-referenzi għal ‘il-Komunità Ewropea’ fit-test tal-Ftehim għandhom, fejn xieraq, jinqraw bħala ‘l-Unjoni Ewropea’”.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mit-12 ta' Diċembru 2021.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

Ma hemm l-ebda dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva minħabba li ma hemm l-ebda kost marbut ma' dan il-Ftehim, għajr għall-kostijiet tal-ivvjaġġar li jitħallsu mill-Pakkett Globali għall-missjonijiet, u mhux mil-linja baġitarja operazzjonali ta' Galileo tal-Programm Spazjali tal-UE.